# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D

Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021

**<u>Rikors nru: 20/17 AGV</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 10 ta' Jannar elfejn u sbatax fejn esponiet bir-rispett u ssottometiet dan li gej bil-gurament:-

Illi l-kontendenti mhumiex mizzewga u kellhom relazzjoni intima u minn din ir-relazzjoni twieled tifel, ED, fis-27 ta' Frar tas-sena 2016 fl-Isptar *Mater Dei, Tal-Qroqq, Msida* kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness u mmarkat bhala "**Dokument A**".

Illi permezz tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet *AB pro et noe vs CD et* gie konfermat illi l-intimat huwa l-

missier bijologiku tal-minuri, kopja ta' liema sentenza qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dokument B**".

Illi l-partijiet kontendenti gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza odjerna abbazi tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Dicembru 2016, li kopja legali tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dokument C**".

Illi r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiccat f'zmien fejn l-esponenti kienet tqila bil-minuri, E u b'konsegwenza ta' dan l-intimat qatt ma ried jirrikonoxxi lill-minuri bhala ibnu;

Illi kien ghar-raguni suesposta illi l-esponenti kienet kostretta tistitwixxi l-proceduri hawn fuq imsemmija ta' filjazzjoni kontra l-intimat u kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-ahhar, u permezz tas-sentenza hawn fuq imsemmija (vide "Dokument B"), l-intimat ma setghax iktar jippretendi illi huwa ma huwiex missier il-minuri;

Illi l-minuri ser jaghlaq hdax-il xahar fis-27 ta' Jannar 2017 u sal-lum l—intimat kull ma vversa lill-esponenti ghall-minuri kienet is-somma ta' tliet mija u tletin euro (€330) permezz ta' zewg pagamenti ta' mija u hamsin euro (€150) fil-25 ta' Novembru 2016 u ta' mija u tmenin euro (€180) fit-22 ta' Dicembru 2016 rispettivament liema hlas sar wara d-data tal-ahhar seduta tal-medjazzjoni. Illi wara l-imssemmija versamenti, l-esponenti regghat ittalbet mal-intimat sabiex forsi jivversa xi ammont iehor ghall-ghixien tal-minuri izda, ghal ragunijiet illi jaf huwa biss, dan irrifjuta illi jghaddi centezmu iehor.

Illi ghandu jinghad ukoll illi l-esponenti tista' tghodd fuq subajha l-granet illi fihom l-intimat gie jzur lill-minuri kemm ilhu li twieled. Illi inoltre, fl-unici drabi illi l-intimat effettivament zar lill-minuri l-komportament tieghu lejh xejn ma kien addattat u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi barra minn hekk, ghandu jinghad ukoll illi peress li l-minuri jbati minn accessjonijiet l-esponenti lanqas biss qeghda f'sitwazzjoni illi tahdem tant illi

kemm hi kif ukoll il-minuri qeghdin internament jiddependu fuq l-ghajnuna finanzjarja illi qeghdin joffru l-genituri tal-esponenti izda l-intimat xorta wahda jidher illi m'ghandu l-ebda interess illi jkun ta' refugju ghall-bzonnijiet tal-minuri;

Illi in vista tas-suespost u ghal dawk ir-ragunijiet illi ser jirrizultaw fil-mori ta' dawn il-proceduri l-kura u l-kustodja fuq il-minuri E ghandha tkun fdata esklussivament f'idejn l-esponenti.

Illi l-esponenti taf b'dawn l-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija kif ukoll dawk illi ser jirrizultaw waqt it-trattaazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri ED tigi fdata unikament f'idejn l-esponenti, b'dan illi l-intimat jigi akkordat granet u hinijiet li fihom jista' jkollu access sorveljat ghall-minuri;

2. Tordna l-intimat ihallas lill-esponenti l-ammont ta' mhux inqas minn tliet mitt euro (€300) bhala manteniment ghall-minuri kull erba' (4) gimghat, jew kwalunkwe somma vejuri li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, b'dan illi l-ammont ghandu jithallas direttament lill-esponenti permezz ta' *standing oder* mill-kont bankarju tal-intimat u/jew minghand l-employer tieghu, ghall-kont bankarju tal-esponenti irregistrat mal-*Bank of Valletta* bin-numru 40011011145;

3. Tordna illi l-ispejjez tas-sahha, tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u dan immedjatament mal-prezentata tar-ricevuti in kwistjoni lill-intimat

mill-esponenti;

4. Tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti l-arretrati tal-manteniment, minn meta twieled il-minuri Thomas fis-27 ta' Frar 2016 kif ukoll l-arretrati ta' sehem l-intimat mill-ispejjez tas-sahha tal-minuri mid-data tat-twelied tieghu u kull eventwali spiza tal-edukazzjoni tal-minuri fil-mori tal-proceduri odjerni;

5. Tordna illi *c-children's allowance* jew beneficcji ohrajn li ghandhom x'jaqsmu mal-minuri u li jinghataw mill-Gvern ghandhom jithallsu lill-esponenti biss;

6. Tordna illi l-passaport tal-minuri ghandu dejjem jibqa' f'idejn l-esponenti u dan dejjem skond dawk il-provvediment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tal-mittenti datata 3 ta' April elfejn u sbatax fejn espona bir-rispett u ssottometta dan li gej bil-gurament:-

1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda, u dana peress li jmur kontra l-interess suprem tal-minuri li l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata lilha esklussivament, izda tali kura u kustodja ghandha tkun fdata b'mod kongunt bejn il-kontendenti. F'dan ir-rigward l-access favu l-eccipjent ghandu jinghata b'modalita' li tohloq bilanc gust bejn id-drittijiet tal-kontendenti u l-ahjar interess tal-minuri ED

2. Illi l-esponent hux qieghed f'qaghda tajba li jmantni lill-ibnu ED fis-somma ta' tkett mitt Ewro kull erba' gimghat kif mitlub mir-rikorrenti fit-tieni talba taghha billi l-mezzi tieghu huma limitati. Minkejja dan, in kwantu ghar-retta alimentarja, l-eccipjent jaqbel illi huwa ghandu jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tal-minuri izda dan skont il-mezzi tieghu, il-mezzi tar-rikorrenti u skont il-bzonnijiet tal-istess minuri.

3. Illi t-tielet talba attrici sabiex l-eccipjent ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghandha tigi michuda u billi skont l-artikolu 19 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni kif ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom. In oltre l-esponent jopponi ghal din it-talba tar-rikorrenti stante li r-rikorrenti minkejja ta'eta' zghira, diga ghandha wild iehor.

4. Illi fir-rigward tar-raba' talba, din ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, stante li m'hemmx arretrati x'jigu likwidati. L-esponent la qatt kien involut fl-ispejjez inkors favur il-minuri, la qatt kien infurmat bihom u lanqas qatt ma gie muri xi rendikont dwar l-istess. Anzi r-rikorrenti ghamlet il-bsaten fir-roti sabiex l-esponent ma jkollu l-ebda kuntatt ma' ibnu ED. Minkejja dan, sa mid-data tat-twlied tal-minrui, l-esponent dejjem ha hsieb il-bzonnijiet ta' ibnu u ivversa manteniment xieraq lir-rikorrenti versu l-istess bzonnijiet ta' ibnu.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tipprova l-bzonnijiet necessarji tal-minuri u mhux biss ix-xewqat taghha, u jigi eccepit li d-dhul tal-esponent huwa wiehed limitat, u l-ispejjez tieghu huma sostanzjali, u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazjoni ta' dan il-kaz.

6. Illi l-espnent jaqbel illi c-childrens’ allowance jew beneficcji ohra li ghandhom x’jaqsmu mal-minuri li jinghataw mill-Gvern jigu imhallsa direttament lill-esponenti madanakollu ghandu jittiehed in konsiderazzjonni fir-retta alimentarja li ghandha tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti pagabbli versu l-bzonnijiet tal-minuri ED.

7. Illi l-esponent jaqbel illi l-passaport tal-minuri ED jinzamm mir-rikorrenti b’dana pero li din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk il-provvedimenti kollha neccessarji fic-cirkostanzi sabiex il-minuri jhalli l-gzejjer Maltin bil-kunsens taz-zewg kontendenti. In oltre fl-eventwalita’ li l-esponent jkun jixtieq isiefe bil-minuri, r-rikorrenti ghandha tkun obbligata li tikkonsenja lill-esponent il-passport tal-minuri mhux anqas minn xahrejn qabel is-safra.

8. Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti esklussivament.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Lulju, 2017, fejn il-Qorti ordnat manteniment favur il-minuri ED fl-ammont ta’ €200 fix-xahar.

Rat ukoll id-digriet datat 13 ta’ Lulju, 2020, fejn il-konvenut gie akkordat access versu l-minuri kull nhar ta’ Tlieta w Hamis bejn il-5.30pm u t-8.00pm, u fi tmiem il-gimgha darba s-Sibt bejn l-10.00 am u l-4.00pm, u d-darba ta’ wara, il-Hadd fl-istess hinijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Il-partijiet kienu ltaqghu fl-2014, u wara relazzjoni ta' ftit aktar minn sena l-attrici ndunat li kienet tqila bil-wild tal-konvenut. ED twieled fis-27 ta' Frar 2016. Il-konvenut ma kienx irrikonoxxa lit-tarbija bhala tieghu, ghalhekk l-attrici kienet ghamlet kawza ta' paternita', fejn gie dikjarat bhala l-missier biologiku tat-tarbija. Ghalhekk, in segwitu tal-konferma permezz ta' ezami tad-DNA tal-minuri, l-attrici mexxiet din il-kawza biex jigi regolat il-manteniment u l-kura w kustodja tal-minuri.

Il-partijiet ressqu provi ghal kollox nieqsa minn dettall. Kull ma hemm huwa l-affidavits taghhom u xi dokumenti ohra. L-attrici tghid li meta harget tqila, il-konvenut abbandunaha ghal kollox u l-anqas meta welldet ma kien presenti. Hu kien nieqes mill-hajja tal-minuri, qatt ma ta kaz tal-bzonnijiet tal-minuri, u qatt ma hallas xejn ghall-ispejjez tat-tifel, li twieled bi bzonnijiet specjali. Minhabba f'hekk, l-attrici tghid li ma tistax tahdem. Qabel kellha xoghol gewwa l-istabbilimet bl-isem Zmerc Pub, izda dan ix-xoghol kellha tieqaf minnu bit-twelid tat-tifel. Il-konvenut, min-naha tieghu, jallega li l-attrici kellha diversi relazzjonijiet intimi ma' persuni differenti. Jghid li tpejjep u ghandha l-vizzju tad-droga, u tghix hajja instabbli hafna. Jghid ukoll li hi tibghat lin-nies biex izommuh milli jara lil ibnu. Jghid li bhal'issa ghandha relazzjoni ma' terz li qieghed il-habs.

Minn dawn il-provi, jirrizulta lill-Qorti li l-attrici tinteressaha biss mill-flus li tista' tiehu mill-konvenut bhala manteniment. Hi tallega li ghandha hafna bzonnijiet, li l-minuri jbati minn kundizzjoni, izda prova wahda tal-ispejjez li tinkorri jew tal-bzonnijiet tal-minuri ma gabetx. Min-naha tieghu, il-konvenut jidher li qatt ma ha interess fit-tifel. Li jigi jghid li l-attrici hija persuna

inaffidabbli ghall-ahhar u ma jaghmel assolutament xejn ghal ibnu jfisser li l-konvenut huwa komdu kif inhu. Ma jirrisultax li qatt talab li jinghata l-kura w kustodja hu minn flok l-attrici. L-unika haga li ghamel f'dawn is-snin kollha huwa li talab ghall-access fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020, fejn ottjena digriet f'dan is-sens. Il-Qorti tispera li dawn iz-zewg genituri jaghrfu r-responsabbiltajiet taghhom lejn il-minuri u jaghmlu kull sforz sabiex jaghtu lill-minuri l-hajja li tixraqlu.

It-talbiet attrici huma l-kura w kustodja tal-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut, u l-manteniment. Kwantu ghall-ewwel talba, ma jirrisultawx li hemm l-estremi biex din it-talba tintlaqa'. Ma giex ippruvat li hemm raguni valida biex il-konvenut ghandu jigi mcahhad mill-kura w kustodja kongunta ta' ibnu. Ghalhekk din it-talba ser tigi michuda. Dwar manteniment, din il-Qorti kienet tat digriet fl-2017 u ordnat manteniment fis-somma ta' €200 fix-xahar. Issa li ghaddew erba' snin minn dak id-digriet, dan il-manteniment jista' joghla ghal €230 fix-xahar. Kwantu ghal nofs l-ispejjez ta' sahha w edukazzjoni, hija l-prassi li talba bhal din tintlaqa' mill-Qorti. L-istess jista' jinghad ghac-'children's allowance'. Din il-Qorti solitament tilqa' talbiet simili, ghall-gid u fl-interess uprem tal-istess minuri. Dwar it-talbiet l-ohra, dik tal-arretrati ma gietx ippruvata billi l-attrici naqset milli tesebixxi dokumenti in sostenn ta' dan. Lanqas ma giet indikata xi raguni ghalfejn il-passaport tal-minuri ghandu jinzamm minnha biss. Ma jirrisultax li hemm xi biza' li l-konvenut ser jitlaq minn Malta bil-minuri u jmur jghix f'pajjiz iehor.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tichad l-ewwel talba, u ghalhekk tordna li l-kura w kustodja tal-minuri tibqa' wahda kongunta, b'dana illi r-residenza ordinarja ghandha tkun mal-omm, b'access ampju u liberu ghall-missier.

Tiffissa r-retta alimentari ghal-minuri fis-somma ta' €230 fix-xahar.

Tilqa' t-tieled talba, u ghalhekk tordna illi l-ispejjez tas-sahha, tal-edukazzjoni u tal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u dan immedjatament mal-prezentata tar-ricevuti in kwistjoni lill-konvenut mill-attrici.

Tichad ir-raba' talba.

Tilqa' l-hames talba.

Tichad is-sitt talba.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella** **Deputat Registratur**